# Il-Ħadd 13.09.2020

1. Illum 13/09, ***Jum il-Griżma tal-Isqof***:
   *Nifirħu lil dawk li ser jirċievu dan is-Sagrament: 16 subien u 7 bniet.*
   - Fid-9:00am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma - Grupp 1.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma - Grupp 2.
     *Infakkar li għal dan il-quddies jistgħu jattendu biss il-familja u xi qraba.*

2. Mit-Tnejn 14/09 sal-Ġimgħa 18/09:
   - Fis-7:00pm - Ġimgħa ta' Tagħlim mill-membri tal-MUSEUM
     b'mod virtwali fuq il-YouTube channel EJJEW U TARAW
     bit-tema: ***MULEJ GĦAND MINN IMMORRU?***
     Ta' min naħtfu din l-opportunità ta' tagħlim nisrani għall-adulti.

3. It-Tnejn 14/09:
   - Fis-7:30pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ħadd 20/09:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

5. Avviżi oħra:
   - Avviżi marbutin mad-duttrina għal din is-sena kateketika li ser nibdew f'Ottubru, ser ikunu qed jingħataw aktar tard matul din il-ġimgħa.
   - Il-Każin Banda San Pawl jixtieq jgħarrafkom li b'rabta mal-festa esterna ta' San Pawl:-
     - € 5,885 nġabru mill-envelopes, u
     - € 1,550 nġabru b'risq il-planċier. Grazzi lil min ta l-kontribut tiegħu.

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Il-Kunsill Lokali jfakkar li s-Segretarjat Parlamentari tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità qed jipprovdi servizz ta' trasport lokali b'xejn lill-persuni anzjani (jiġifieri dawk 'il fuq minn 60 sena) f'diversi lokalitajiet fosthom tagħna sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-qadi tagħhom fil-komunità bħall-bank, is-suq, il-klinika, il-kunsill lokali u diversi postijiet oħra fi ħdan il-lokalità. Kull min hu interessat li jibbenefika jeħtieġ li jibbukkja mhux aktar tard minn jumejn qabel fuq in-numri 159 jew 21695544. Il-ħinijiet taċ-Ċentru tat-telefonati, kif ukoll l-operat ta' dan is-servizz, huma: mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7:00am sas-2:00pm. Aktar dettalji mill-Kunsill.
   - Min għalaq l-55 sena kif ukoll dawk li għandhom xi kundizzjoni kronika u jixtiequ jieħdu t-tilqima kontra l-influwenza mitlubin iċemplu l-Kunsill Lokali fuq 21689168 biex japplikaw għaliha u dan sal-aħħar ta' Settembru. Dawk li għandhom aktar minn 65 sena u persuni b'diżabilità *li ma joħorġux mid-dar* u joqogħdu Ħal Safi, jistgħu jibbukkjaw għat-tilqima wkoll u tiġi n-ners id-dar tagħhom b'appuntament. It-tilqima għal dawk anqas minn 55 sena, tingħata miċ-Ċentri tas-Saħħa.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 135 bħala ġabra b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - € 50 bħala donazzjonijiet bl-istess għan.
   - € 100 bħala donazzjonijiet mill-envelopes b'risq il-Festa u l-Karità. Grazzi.

8. Nitolbu għal Pawlu Vella, li għadda għal ħajja ta' dejjem. Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ...